**L-ewwel tridu ta' Santa Marija – L-Imqabba 2011**
**Marija Eva l-ġdida**

Sidt glorjuża, li fil-għoli
fuq il-kwiekeb ġejt imtellgħa,
nagħtuk ġieħ, għax int b'ħalibek
safi, sqejt lil dak li ħalqek.
    B'Ibnek sewwejtilna l-ħsara
    li d-dnub t'Eva ġibed fuqna;
    bi tjubitek ftaħt mogħdija
    biex l-imsejkna jidħlu s-sema.
Inti l-bieb tas-Sultan l-Għoli
bieb li minnu d-dawl feġġ fuqna;
ħa jifirħu l-ġnus mifdija,
għax bik, Verġni, sabu l-ħajja.
    Agħmel int li nsebbħu f'kollox
    lill-Missier, lil Kristu ibnek,
    u 'l-Ispirtu li bħal b'libsa
    ta' ġmiel kbir żejjnuk bil-grazzja.

Għeżież ħuti Mqabbin, ulied devoti tal-Imqaddsa verġni Marija, xtaqt nibda din ir-riflessjoni tiegħi magħkom fil-bidu ta' dawn it-tlett ijiem ta' tridu bi preparazzjoni għas-solennità tat-tlugħ fis-sema ta' Ommna Marija bil-vrus tal-***O gloriosa virginum***, l-innu tal-lawdi tal-Madonna li jinutaża f'din il-parroċċa marjana fil-ġranet tat-tridu u f'ħafna parroċċi oħra madwar gżiritna fil-festi f'ġieħ il-Verġni Marija. L-innu m'għażiltux għalxejn. Apparti milli huwa wieħed mill-isbaħ u l-eqdem innijiet f'ġieħ il-Madonna, attribwit lil San Venantius Fortunatus fis-seklu VI, dan l-innu jiġbor fih fi ftit kliem mill-isbaħ dak li nixtieq naqsam

magħkom matul dawn it-tlett ijiem. Marija hija dik li ttellgħet 'il fuq mill-kwiekeb, Marija hija dik li sewwiet il-ħsara li għamlet Eva, Marija hija dik li fetħitilna l-bieb tal-ġenna, Marija hija dik li fil-mixja ta' ħajjitna timxi magħna u turina t-triq biex bħalha aħna wkoll naslu għand binha fil-glorja tal-ġenna.

Il-figura tal-Omm ta' Alla, nistgħu nxebbħuha ma' stampa kbira u sabiħa, li quddiemha għandha ħajt mimli twieqi. Qatt ma nistgħu naraw l-istampa kollha f'daqqa', imma meta nħarsu minn ġot-twieqi differenti, dejjem naraw xi ħaġa ġdida, xi dettall differenti mill-ieħor, sakemm ftit ftit f'moħħna nkunu nistgħu nibnu l-istampa biċċa biċċa. L-istess il-Madonna. Qatt ma nistgħu naraw f'daqqa waħda dak kollu li hi, imma permezz tal-festi li niċċelebraw f'ġieħha, jekk niċċelebrawhom b'mod verament nisrani, nistgħu nibnu ftit ftit idea aktar ċara ta' min hi din il-mara. F'kull okkażjoni ta' festa nieħdu aspett wieħed mill-ħajja jew mill-kwalitajiet tal-Madonna, u nippruvaw nistudjawh ftit aktar fil-fond milli s-soltu nagħmlu. B'hekk allura, kull festa hija tieqa għal fuq il-persuna ta' Marija. Jekk lill-Madonna verament inħobbuha,

għandna nieħdu gost niftħu twieqi differenti għal fuq il-ħajja tagħha, għax b'hekk insiru nafuha aktar.

Biex napprezzaw aħjar dan ir-rwol tal-Madonna bħala dik li fetħet mill-ġdid il-bieb tas-sema nistgħu nieħdu ftit ħsibijiet mill-Missirijiet tal-Knisja tal-ewwel sekli, dawk li grazzi għall-kitbiet imdawwlin tagħhom aħna llum nistgħu nħarsu lejn Marija bħala dik li tassew hi: l-Omm ta' Alla u l-Omm ta' kull min jemmen li minn fejn tinsab igglorifikata fil-ġenna bir-ruħ u l-ġisem, għadha tieħu ħsiebna u taqsam l-esperjenzi tal-ħajja tagħna, sew is-sbieħ, kif ukoll il-koroh. Matul dawn it-tlett ijiem, għalhekk, flimkien se mmorru lura fiż-żmien, u nagħmlu l-vjaġġ li għamlu l-ewwel insara fl-għarfien tagħhom tar-rwol tal-Imqaddsa Verġni Marija fil-pjan ta' Alla. It-teoloġija ffukata fuq il-figura ta' Marija fil-ħsieb u l-kitbiet tal-insara tal-ewwel sekli huma l-pedament li fuqhom imbena t-tagħlim tal-Knisja fuq il-Madonna, u li aspetti minnu saru dommi tal-fidi nisranija. Ma nistgħux aħna llum ngħidu li aħna devoti tal-Madonna jekk ma nkunux nafu x'kienet l-esperjenza marjana tal-Knisja tal-ewwel sekli.

Illum ngħixu f'dinja li trid tara biex tifhem, għalhekk nistedinkom biex inħallu xbieha ta' Marija li tinsab f'din il-knisja tmexxina biex nifhmu ftit aħjar dak li se nirriflettu fuqu l-lejla. Ix-xbieha li se nużaw bħala gwida llum hija l-pittura tal-profezija ta' Marija, li tinsab mal-ħajt tal-faċċata tal-knisja. Fiċ-ċentru tal-affresk naraw lil Marija mdawwra bl-anġli, b'mod li fih qisu l-ewwel darba li Marija daħlet fil-ħsieb ta' Alla, Hu kien diġà qed jaraha gglorifikata qed titwassal fis-sema mill-anġli. Iżda Marija m'hijiex l-unika mara li tidher f'din ix-xena. Fuq in-naħa tax-xellug tidher mara oħra, Eva, waqt li din qed tiġi mkeċċija mill-Għeden flimkien ma' żewġha Adam. Fuq il-lemin naraw il-ġnien tal-ġenna, maħluq għall-bniedem, imma magħmul inaċċessibbli minħabba d-dnub. U huwa fuq dan li naħsbu l-lejla.

Xi snin ilu wieħed marjologu, René Laurentin, fl-istudju li hu għamel fuq it-tagħlim dwar il-Madonna fl-ewwel sekli tal-Knisja, jgħidilna li l-Knisja fir-riflessjoni tagħha 'skopriet' lill-Madonna ftit ftit. Naturalment sa mill-ewwel seklu t-twemmin fuq it-tnissil verġinali ta' Kristu kien diġà hemm – għajr is-setet eretiċi ħadd ma kellu dubju li Kristu kien l-Iben ta' Alla li tnissel fil-

verġni Marija. Dan setgħu jemmnuh għax ġa kien hemm il-profeziji tat-Testment il-Qadim li jitkellmu dwar il-verġni li tnissel, u flimkien ma' dawk kien hemm ukoll ir-rakkonti tat-tnissil ta' Ġesù fl-evanġelji.

L-ewwel skoperta, ħa nsejjħulha hekk, fuq Marija li saret mill-Knisja primitiva, kienet li f'Marija l-Missirijiet bdew jaraw lil Eva l-ġdida. Il-Missirijiet waslu għal dan it-twemmin minħabba l-mod li bih Kristu jsejjaħ lil ommu fl-evanġelju ta' San Ġwann: "Mara". L-unika persuna oħra li fil-Bibbja tissejjah "Mara" hija appuntu Eva, qabel ma tidneb u meta tkun għadha verġni. Fil-fatt il-Ġenesi jgħidilna li Adam kellu l-ewwel rapporti intimi ma' martu wara li ħarġu mill-Ġnien tal-Għeden, wara d-dnub. Hawn nistgħu norbtu mal-istrofa tal-innu li bdejna bih:

B'Ibnek sewwejtilna l-ħsara
li d-dnub t'Eva ġibed fuqna;
bi tjubitek ftaħt mogħdija
biex l-imsejkna jidħlu s-sema.

It-tema ta' Marija bħala Eva l-ġdida hija marbuta b'mod strett ħafna mat-tema tal-istorja tas-salvazzjoni, is-soterioloġija. Wara t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù u wara li ftit ftit il-Knisja bdiet tistabilixxi ruħha f'ċentri mportanti barra l-art ta' Iżrael, bħalma kienu Antjokja,

Lixandra u Ruma l-ewwel riflessjoni teoloġika li saret mill-Missirijiet tal-Knisja kienet tittratta dwar kif se jkompli l-proġett tas-salvazzjoni mniedi minn Ġesù. Għalhekk, bil-fors, l-ewwel lettura tal-persuna ta' Marija kellha tkun fuq dan il-livell. Jekk Marija kellha sehem fl-istorja tas-salvazzjoni, x'kien dan is-sehem? U r-risposta malajr feġġet.

Dan l-istudju fuq is-salvazzjoni sħiħa tal-ġens uman kien jissejjaħ mill-Missierijiet ανακεφαλαίωσις, kelma Griega li użaha anke San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Efesin, u tfisser li kollox għad jiġi mġedded. X'kellha ġġedded Marija, li Kristu jsejjħilha Mara, f'dan il-pjan? Kellha ġġedded il-figura tal-Mara l-oħra, l-ewwel mara, Eva.

Meta nitkellmu minn tiġdid ta' xi ħaġa, dejjem irid ikun hemm rabta bejn il-qadim u l-ġdid, rabta li ddur fuq żewġ assi: ix-xebħ u d-diversità. L-element il-ġdid li se jġedded il-qadim irid ikollu xi aspetti li fihom jixbaħ lill-antik, imma fl-istess ħin irid ikollu xi aspetti diversi wkoll. U, bħalma se naraw, dan huwa l-każ ta' Marija u Eva. F'Marija, Eva ssib ix-xbieha perfetta tagħha, imma fiha ssib ukoll ix-xbieha opposta tagħha. Eva

kienet l-istrument li bih Satana wassal id-dnub għand Adam, għand il-bnedmin, waqt li Marija kienet l-istrument li bih Alla wassal lil Kristu għand il-bnedmin.  Lil Eva narawha bħala il-pont bejn id-dnub u l-bnedmin; lil Marija narawha bħala l-pont bejn Alla u l-bnedmin permezz tas-salvazzjoni li ġab binha.

Fl-ewwel dramm tal-istorja tal-bniedem li naraw iseħħ fil-ġrajja tal-Ġenesi naraw tliet persunaġġi li mbagħad isibu l-oppost tagħhom fl-ewwel parti tal-evanġelju ta' San Ġwann: Satana, Eva u Adam li jsibu r-rifless oppost tagħhom f'Alla, Marija u Kristu.

U huwa appuntu mill-kitbiet ta' San Ġwann li l-Missirjiet ħarġu din it-tema ta' Marija bħala Eva l-ġdida u żviluppawha fil-kuntest tal-istudji tagħhom dwar it-tiġdid ta' kollox permezz tal-ħidma ta' Kristu. Il-ħsieb tagħhom idur ma tliet aspetti li fihom Marija hija l-antitesi ta' Eva.

L-ewwel nett hemm l-aspett morali.  Marija hija l-imbierka fost in-nisa, il-mara magħżula minn Alla, midula u mqaddsa minnu. Mill-banda l-oħra Eva hija l-misħuta fost in-nisa (ħa nsejjħulha hekk), il-mara

magħżulha mix-xitan, imqarrqa u mħassra minnu. Sew Marija kif ukoll Eva jinsabu fil-bidu ta' żewġ ġrajjiet: Eva fil-bidu tal-ġrajja tal-waqgħa tal-bniedem, Marija fil-bidu tal-ġrajja tas-salvazzjoni tiegħu. Eva hija l-għodda ta' Satana, Marija hija l-għodda ta' Alla. F'dan l-ambitu jidħol ukoll interess kbir fl-istudju tas-safa ta' Marija u ta' Eva. Eva, maħluqa safja, titlef is-safa tagħha meta tobdi lis-serpent; Marija meta tobdi lil Alla tagħti dawl ġdid lis-safa li Eva kienet ħassret.

Fit-tieni post insibu l-aspett matern. Ħaġa li ż-żewġ nisa għandhom in komuni hi li t-tnejn li huma jagħtu bidu għal ġens ġdid ta' bnedmin. Eva, bħala omm il-ħajjin, hija dik li minnha joħorġu l-bnedmin kollha, li iżda huma kkundandannati li ma jarawx wiċċ Alla minħabba li d-dnub tagħha għalaq il-bieb tal-ġenna. Marija, mill-banda l-oħra, hija omm il-poplu l-ġdid ta' Alla, dawk li jimxu wara binha u li għax għażluh diġà jgawdu mis-salvazzjoni tiegħu. Il-kastig li taqla' Eva narawh fil-kliem ta' Alla fil-ktieb tal-Ġenesi "Inkattarlek sewwa wġigħ it-tqala tiegħek, u bl-uġigħ tiled it-tfal; lejn żewġek tiġbdek xewqtek, u jaħkem fuqek hu". Marija mill-banda l-oħra ma kienet soġġetta lejn il-ġibda tal-ebda raġel, u skont tradizzjoni

Lhudija antika li tgħid "in-nisa qaddisin ma għandhomx sehem mid-destin ta' Eva", hemm min jemmen li Marija wildet lil binha mingħajr l-uġiegħ tal-ħlas.

It-tielet punt huwa l-aspett soterjoloġiku – dak li għandu x'jaqsam mal-istorja tas-salvazzjoni. L-imġieba tajba ta' Marija ssewwi l-imġieba ħażina ta' Eva. Fil-kwadru tal-istorja tas-salvazzjoni iż-żewġ antitesi prinċipali huma Alla u x-xitan, u Kristu u Adam. Biex il-bniedem jiġi salvat jew ikkundannat, wieħed jaħdem kontra l-ieħor. Imma ma dawn tingħaqad it-tielet antitesi: Marija u Eva. Skont il-ktieb tal-Ġenesi l-mara ġiet maħluqa minn Alla biex tkun sieħba u għajnuna tgħodd għar-raġel. U l-mara hekk tagħmel f'kull azzjoni. Għalhekk, sew fl-istorja tal-waqgħa tal-bniedem, kif ukoll fl-istorja tas-salvazzjoni, insibu s-sehem li tagħti l-mara. Eva li twassal lil Adam biex jidneb, u Marija li twassal lill-bniedem għand binha Ġesù. Eva hija l-ewwel waħda li tbati l-konsegwenzi tad-dnub għax tikko-opera max-xitan; Marija hija l-ewwel waħda li tgawdi mill-frott sħiħ tas-salvazzjoni għax tikko-opera ma' Alla. Eva kienet l-ewwel mara li ġisimha ntradd lill-art u sofra t-taħsir;

Marija hija l-ewwel mara li ġisimha ntradd lis-sema fejn igawdi mill-glorifikazzjoni.

F'Marija u permezz ta' Marija, is-sess femminili jeħles mill-wirt ikrah li ħa mingħand Eva, u jilħaq il-perfezzjoni ideali li għaliha Alla ħalqu: li l-mara tkun is-sieħba tar-raġel u l-għajnuna tgħodd għalih, mhux biss f'dak li huwa materjali, imma anke fil-vjaġġ tiegħu lejn il-ferħ ta' dejjem.

Fit-tieni seklu, madwar mija u ħamsin sena wara Kristu, il-martri San Ġustinu, fil-kitba tiegħu "Djalogu ma' Trifone" huwa l-ewwel wieħed li joħroġ paragun bejn il-verġni Marija u l-verġni Eva. Bħalma ġa għedna, Ġustinu fil-kitba tiegħu jitkellem dwar is-salvazzjoni, u huwa f'dan il-kuntest li jasal għall-konklużjoni li hemm rabta profonda bejn ir-rwol ta' Eva u dak ta' Marija. Nisimgħu ftit x'għandu xi jgħid Ġustinu dwar dan:
"Huwa sar bniedem permezz ta' verġni, sabiex id-diżubbidjenza li ġiet mis-serpent tasal fi tmiemha mill-istess triq li minnha bdiet.  Fil-fatt Eva, meta kienet għadha verġni u mhux imħassra, nisslet fiha l-kelma tas-serpet u hekk welldet id-diżubbidjenza.  Mill-banda l-oħra, Marija, il-verġni, nisslet il-fidi u l-ferħ meta l-

anġlu Gabriel taha l-bxara t-tajba li l-Ispirtu s-Santu se jinżel fuqha u li l-qawwa tal-Għoli se tgħattiha, u wieġbet 'Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek'. [...] U huwa permezz ta' dan li jitwieled mill-Verġni li Alla se jirbaħ lis-serpent u lil-anġli u lill-bnedmin li saru bħalu."

Minn din l-ewwel kitba dwar dan is-suġġett diġà joħroġ l-iskema li mbagħad ġie ċċarat fis-sekli ta' wara u li diġà semmejna: Satana-Eva-Adam bl-opposti tagħhom fid-dramm tas-salvazzjoni: Alla-Marija-Kristu. B'hekk San Ġustinu huwa l-ewwel wieħed mill-kittieba nsara li jitkellem ċar u tond fuq l-azzjoni ta' Marija fl-istorja tas-salvazzjoni, azzjoni voluta li tiġi minn għażla libera li hija għamlet – dik li tobdi l-istedina ta' Alla. L-enfasi li jpoġġi Ġustinu fuq il-qawwiet opposti tal-verġni diżubbidjenti u l-verġni ubbidjenti qiegħeda hemm apposta biex huwa juri is-sehem formali tal-figura tal-mara fil-waqgħa u fis-salvazzjoni tal-ġens uman.

L-istess seklu pproduċa l-ikbar teologu tal-ewwel sekli li tkellem dwar din it-tema: San Irenew, isqof ta' Lione fi Franza. Dan fl-opra kbira tiegħu ***Adversus Haereses*** "Kontra l-ereżiji" u anke f'kitbiet oħra inqas importanti

jtina lista la paralleliżmi bejn Marija u Eva waqt li juri kif il-ħolqien il-ġdid (dak li jibda minn Marija) kien aqwa mill-ewwel ħolqien (dak li beda minn Eva), fis-sens li jirrestawrah għall-ġmiel li kellu meta nħalaq minn Alla, kif ukoll jipperfezzjonah għall-milja li Alla kien ippjanah għaliha.  Fosti il-paalleliżmi li jsemmi Irenew insibu:

- Eva hija l-verġni li waqgħet waqt li Marija hija l-verġni li tgħin lil Eva tqum;
- Eva hija l-verġni li ġiet imqarrqa mill-anġlu ribelli waqt li Marija hija l-verġni li ġiet evanġelizzata mill-anġlu fidil;
- Eva hija l-verġni kkundannata waqt li Marija hija l-verġni avukata ta' Eva.

F'kitba li jisimha ***Esposistio praedicationis apostolorum*** ("Espożizzjoni tat-tagħlim tal-Appostli") Irenew jispjegalna "kif permezz tal-verġni diżubbidjenti il-bniedem ġie milqut, waqa' u miet, hekk ukoll permezz tal-verġni li obdiet għall-kelma ta' Alla, il-bniedem mill-ġdid ħa l-ħajja permezz tal-ħajja [...] Eva laħqet il-milja tagħha f'Marija sabiex il-verġni li saret l-avukata tal-verġni ta' qabilha, dewwbet u kissret id-diżubbidjenza permezz tal-ubbidjenza tagħha".

Fl-***Adversus Haereses*** jgħidilna "*Eva inobediens sibi et universo generi humano causa facta est mortis; Maria obediens sibi et universo generi humano causa facta est salutis*" Eva fid-diżubbidjenza tagħha saret il-kawża tal-mewt tagħha stess u tal-ġens uman kollu; Marija bl-ubbidjenza tagħha saret il-kawża tal-ħajja tagħha u tal-ġens uman kollu. "*Quod enim alligavit virgo Eva per incredulitatem, hoc virgo Maria solvit per fidem*" Dak li l-verġni Eva rabtet permezz tan-nuqqas ta' fidi tagħha, dan ħallet il-Verġni Marija permezz tal-fidi tagħha.

Irinew huwa l-ewwel wieħed mill-Missirijiet li jestendi l-konsegwenzi tal-għażliet ta' Eva u ta' Marija fuq in-nisa kollha. Eva bħala l-ewwel mara u Marija bħala l-Mara l-ġdida jiddeċiedu direttament bl-azzjonijiet tagħhom id-destin tal-femminilità kollha. In-nisa tad-dnub għal dejjem jiġu assoċċjati ma' Eva waqt li n-nisa qaddisa jiġu dejjem assoċċjati ma' Marija. L-azzjoni salvifika ta' Marija għandha valur doppju: bħala l-avukata, il-verġni l-ġdida takkwista s-salvazzjoni għall-verġni diżubbidjenti li ġiet ikkastigata minn Alla; bħala l-qaddejja tal-Mulej, Marija ssewwi u tħoll l-arroganza ta' Eva u l-konsegwenzi li dan ħalla fuq in-nisa kollha.

Irenew għaraf jgħaqqad ukoll ir-rwol ta' Marija ma' dak Kristu meta huwa jqabbel lil Kristu mal-Adam il-ġdid u lil Marija mal-Eva l-ġdida: l-ewwel koppja kienet dik li tat il-ħajja lill-bnedmin, waqt li t-tieni koppja kienet dik li tathom l-eternità.

Fis-seklu ta' wara, ġewwa Lixandra, Oriġene, dak li kellu jiġi meqjus bħala l-akbar teologu Egizzjan, kompla r-riflessjoni fuq dan is-suġġett. F'waħda mill-kitbiet tiegħu jgħidilna "Ladarba minħabba s-saħta ta' Eva, is-saħta għaddiet għal fuq in-nisa kollha, allura rridu nemmnu li permezz tal-barka mogħtija lil Marija, il-ferħ għadda mill-ġdid lin-nisa kollha". Meta jqabbel il-ħidma ta' Eva ma' dik ta' Marija, Oriġene bla biża' jippreżenta lil Marija bħala l-mudell l-aktar ġenwin għan-nisa kollha, u b'hekk isir l-ewwel teologu li jippreżenta lil Omm il-Mulej bħala l-mara l-aktar perfetta.

F'kuntrast mal-ħsieb ta' żmienu, Oriġene ma jiddejjaqx jgħid li l-mara hija l-għajn ta' dak li hu tajjeb meta f'waħda mill-omeliji tiegħu fuq il-vanġelu ta' San Luqa huwa jgħid li "hekk kif id-dnub kellu bidu permezz tal-

mara u b'hekk twassal għand ir-raġel, bl-istess mod dak kollu li huwa tajjeb beda permezz ta' mara u twassal lill-irġiel kollha".

Huma ħafna l-Missirijiet fis-sekli ta' wara li jkomplu jirriflettu fuq dan l-ewwel punt dwar Marija:

- San Efrem tas-Sirja jgħid li Eva hija l-verġni umiljata li tilbes il-weraq tal-mistħija waqt li Marija hija l-verġni mfaħħra li tilbes il-libsa tal-glorja;
- hemm awtur mhux magħruf li kiteb talba antika li tgħid "Int, Marija, ħassart l-arroganza ta' Eva u bdilt il-mistħija f'ferħ";
- seħibna San Bażilju l-kbir f'omelija tal-festa tal-Annunzjata jgħid "illum niffesteġġjaw is-salvazzjoni tad-dinja għax illum bl-iva ta' Marija inħallet il-kundanna ta' Adam u Eva";
- San Gregorju ta' Nissa jgħidilna li l-verġnitnà mitlufa minn Eva tiddi f'Marija b'dija tal-għaġeb;
- San Gregorju ta' Nazjanzu jgħid li bil-miġja tal-omm safja, verġni, ħielsa u immakulata ġew ippurifikati n-nisa kollha mill-ħtija li poġġiet fuqhom il-qrusa ta' Eva",

- San Ġwann Krisostmu jgħidilna li verġni keċċietna mill-ġenna u permezz ta’ verġni oħra sibna l-ħajja eterna.

Imma forsi dak li ta l-ikbar kontribut kien San Epifanju ta’ Salamina, fir-raba’ seklu, meta hu fil-kitba tiegħu il-***Panarion***, waqt li jqabbel lil Marija ma’ Eva omm il-bnedmin kollha, jagħmel pass importanti li fih jiddefinixxi għall-ewwel darba lil Marija bħala Omm il-poplu l-ġdid ta’ Alla, il-Knisja. Huwa jgħid li l-Knisja tnisslet mill-kustat ta’ Kristu. Issa ladarba Kristu ġab il-ġisem tiegħu mill-ġisem ta’ Marija, mela allura l-Knisja, anke b’mod bioloġiku, taf lil Marija bħala ommha.

Minn hawn nidħlu fit-tema li se nitkellmu dwarha għada. Biex nagħlqu ngħidu li nistgħu faċilment naraw li f’dan l-ewwel aspett li l-għorrief tal-knsija ddiskutew fuq il-verġni Marija diġà kien hemm iż-żerriegħa tad-dommi kollha li l-Knisja pproklamat fuq Marija. La b’ubbidjenza laqgħet l-istedina tal-anġlu, mela allura Marija hija omm Alla; la hija l-perfezzjoni tal-figura ta’ Eva, li kienet maħluqa minn Alla bla dnub, mela bil-fors li Marija hija l-Immakulata. Ladarba l-Madonna

ma sofrietx il-kundanna li Alla poġġa fuq Eva li kellha tara l-mewt u t-taħsir, mela allura Marija hija l-Mara li ġiet imlibbsa bil-glorja divina għax ittellgħet fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, biex minn hemm issaltan ma' binha għal dejjem.

Induru lejk, Marija, mara l-aktar perfetta. Kun int il-wens ta' ħajjitna, il-qies li jmexxina. Agħtina minn dik is-safa tiegħek li għamlitek tant għażiża u sabiħa f'għajnejn il-Missier. Tħallix li f'din ħajjitna nitkaxkru mid-dnub bħalma ġralhom l-ewwel ġenituri tagħna, iżda kun int li tdiħol għalina, li tgħallimna, li ssalvana.

Jaqilgħu bik il-maħfra l-ħatja kollha,
farraġ lill-imnikktin, lill-foqra u l-morda,
u fit-taħbit tal-ħajja, kun it-tama
tas-salvazzjoni.

Glorja u tifħir lit-Trinità ta' dejjem,
li lilek, Verġni, żejjnet bil-kuruna,
u tatna fik sultana u omm ħanina
li tieħu ħsiebna. Amen.